MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2011

Avviz Numru. 16/2007

**Marouska Attard (284877M)**
**u Johanna Attard (ID 447180M)**

**Vs**

**Joseph Azzopardi (ID 498382M) ezercenti**
**l-kummerc taht l-isem ta' 'Zener Services'**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih l-atturi talbu sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess attrici s-somma ta' tlett elef liri Maltin (Lm3,000) rapprezentanti danni sofferti minn l-atturi konsistenti f'xoghol difettuz u inkomplet, ta' struttura hekk kif l-konvenut kien inkarigat sabiex jaghmel fil-fond propjeta tal-atturi numru 60, Triq il-Gdida, Mosta.

Bl-ispejjez, bl-imghax u b'hekk il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut (fol 9 tal-istess atti u li biha eccepixxa bir-rispett:

1.Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra taghha stante illi x-xoghol imsemmi sar skond is-sengha u l-arti kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza. Illi ghalhekk m’hemm l-ebda danni sofferti kif allegat.

Salv eccezzojnijeit ulterjuri.

Rat id-digriet moghti fl-14 ta’ Mejju 2007 (fol 13 ibid) u li bih il-Qorti innominat, bhala espert tekniku, lill-AIC Godwin Abela.

Rat ukoll id-digriet moghti fl-24 ta’ Lulju 2007 u li jinsab a fol 25 ibid (ara ukoll fol 26 ibid).

Rat ir-relazzjoni teknika sottomessa mill-espert nominat u li tinsab a fol 44 ibid kif ukoll l-atti u verbali annessi maghha.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkusidrat

Illi, kif jidher mill-provi, kemm verbali kemm permezz ta’ dokumenti u, li gew mibgura waqt il-perizja msemmija, jidher li l-atturi kienu nkarigaw lill-konvenut sabiex jaghmel xoghol ta’ kostruzzjoni u ‘finishing’ fl-appartamenti numru tnejn (2) u wiehed (1) rispettivament f’ 60, Triq il-Gdida fil-Mosta, u dan skond kif miftiehem fi skrittura annessa mal-istess relazzjoni u markata Dok DM 1 u sussegwentement emendata. In rigward dak ilmentat mill-atturi, tinsab tabella fuq pagna disgha (9) tal-istess relazzjoni u fejn jinsabu elenkati x-xogholijiet ikkontestati mill-atturi u li, allegatament, saru u gew esegwiti mill-konvenut b’mod difettuz.

Illi, filfatt, l-espert tekniku ra u kkostata, anke waqt l-accessi li nzammu, illi numru ta’ xogholijiet gew esegwiti mill-konvenut mhux skond kif tirrikjedi s-sengha u l-arti. In

vista li kienu difettuzi. Inoltre l-valur ta’ xogholijiet rimedjali gie kalkolat ‘… skond il-prassi normali applikata, ghal xogholijiet simili fl-industrija tal-kostruzzjoni’. Dan il-valur, bazat fuq il-persenteagg specifikat fl-istess relazzjoni (ara pagana 10), gie likwidat fis-somma ta’ Lm1,705.85 ossija €3,973.

Ikkunsidrat

Illi ma ingieb xejn a konjizzzjoni ta’ din il-Qorti sabiex tiddipartixxi minn din il-konkluzjoni sottomessa mill-espert tekniku.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa’ t-talba attrici kif hawn fuq likwidata u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallsu lill-atturi s-somma ta’ Lm1705.85 ossija €3,973 bl-imghax legali millum stess sad-data tal-pagament effettiv. In rigward l-ispejjes jirrizulta li l-konvenut gie kundannat li jhallas ammont anqas minn dak li gie specifikatament mitlub fir-rikors in esami mill-atturi u ghalhekk dawn tal-ahhar ghandhom jbatu parti mill-ispejjes. Ghaldaqstant il-Qorti tordna li l-konvenut jhallas tlett kwarti (3/4) tal-ispejjes waqt li l-atturi jhallsu kwart (¼) tal-istess spejjes.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------